MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 513/2011

Alert Communications Limited (C-23487).

Vs

Miobet Services Limited (C-42922).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, tlett mija u hamsin Ewro (€1350) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti prezz u ammont dovut bhala pagament ghal zewg '*dedicated servers'*, '*bandwith*' internazzjonali, kif ukoll servizzi ta' kollokazzjoni (*co-location*), liema servizzi gew rezi lis-socjeta' konvenuta skond struzzjonijiet taghha stess. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2011 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, tlett mija u hamsin Ewro (€1350), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------